**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR162098** **29.09.2016**

**STQARRIJA MAĦRUĠA MILL-UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT**

***Diskors mill-President ta' Malta, Marie-Louise Coleiro Preca, waqt it-tnedija ta' pubblikazzjoni intitolata 'The Global Goals: Snapshots from Malta'***

Sinjuri Distinti,

Huwa bi pjaċir kbir li ninsab hawn illum, biex nagħlaq din id-diskussjoni dwar suġġett li tant nemmen fih.

Fil-qalba tiegħu, dan is-suġġett iħaddan prinċipji li, sa mill-bidu nett, kienu l-ispirazzjoni ewlenija tax-xogħol ta' din il-Presidenza.

Eżattament bħal dan iż-żmien sena ilu, kont indirizzajt is-Summit tal-Ġnus Magħquda dwar il-Miri għal Żvilupp Sostenibbli fi New York, flimkien ma' Kapijiet ta' Stati u mexxejja dinjija.

L-avveniment tas-sena l-oħra, kien mument storiku importanti, li fih il-mexxejja tad-dinja wieġbu għas-sejħa li saritilhom għal politika ta' solidarjetà soċjali globali.

L-iffirmar mill-mexxejja kollha tad-dinja, favur il-Miri għal Żvilupp Sostenibbli, kien mument importanti għax kien, u hu, maħsub li jsaħħah l-impenn ta' kulħadd biex, sal-elfejn u tletin (2030), jitwettqu tliet għanijiet ewlenin, jiġifieri: it-tmiem tal-faqar, it-trażżin tat-tibdil tal-klima u l-ġlieda kontra l-inġustizzja u l-inugwaljanza.

Is-sena li għaddiet, tfassal pjan komprensiv biex fuq medda ta' ħmistax-il sena, jintlaħaq kull wieħed mis-sbatax-il għan tal-Miri għal Żvilupp Sostenibbli li għandhom l-għan li jilħqu lil kull bniedem u bniedma f'kull rokna tad-dinja.

Il-mexxejja dinjija impenjaw ruħhom għal dan il-pjan.

Impenjaw ruħhom biex jagħrfu l-ħtieġa urġenti ta' komunitajiet inklussivi u sostenibbli.
Impenjaw ruħhom favur il-ħolqien ta' ambjent ta' djalogu sinifikattiv u importanti, bejn il-bnedmin u l-ġnus.
Impenjaw ruħhom favur l-għarfien u r-rispett għad-diversità.
Impenjaw ruħhom favur id-dinjità u r-rispett lejn kulħadd.

Dan kollu huwa t-twemmin u l-missjoni li fuqha nbniet il-Fondazzjoni tiegħi għall-Ġid tas-Soċjetà.


3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

Missjoni, li fil-qofol tagħha, hija msawra biex toħloq spazji sikuri (*safe*) għal djalogu sinifikattiv, li jirrispetta l-opinjoni u l-fehma ta' kulħadd.

Waqqaft din il-Fondazzjoni f'Ġunju tal-elfejn u erbatax (2014), u, sa minn dak iż-żmien, ħadmet biex tlaqqa' flimkien għadd kbir ta' nies, biex tiffaċilità l-qsim ta' ideat dwar kif il-ġid jista' jitkabbar, u jitrawwem, u jissaħħaħ fil-komunitajiet tagħna.

Illum sar aktar kruċjali u essenzjali, li dawn id-diskussjonijiet jiffukaw fuq it-twettiq tal-Miri għal Żvilupp Sostenibbli, biex niżguraw li l-veru ġid jilħaq b'mod ugwali u ġust lil kulħadd.

Għal dan il-għan, il-Fondazzjoni tiegħi, permezz tal-Osservatorju għal Għijxien Xieraq, (Observatory for Living with Dignity) minn żmien għal żmien qajmet diskussjonjiet dwar l-għarfien, is-sustanza u l-progress, fit-twettiq tal-Miri għal Żvilupp Sostenibbli.

Dan il-proċess beda f'April li għadda, permezz ta' *workshop* li kien jinkludi preżentazzjonijiet dinamiċi dwar kull waħda mis-sbatax-il Mira għal Żvilupp Sostenibbli.

Dawn il-preżentazzjonijiet issa nġabru kollha f'daqqa f'pubblikazzjoni li qed titnieda hawnhekk illum bl-isem ta' "The Global Goals: Snapshots from Malta", bil-għan li nkabbru l-għarfien, u nedukaw, u nfiehmu, Ii l-Miri għal Żvilupp Sostenibbli, mhux diskors għal bejn il-ħitan fil-Ġnus Magħquda, iżda qafas li fuqu trid tinbena, u tiġi implementata, politika dinjija, reġjonali u nazzjonali, għal kull pajjiż.

Għalhekk, din il-pubblikazzjoni qed titqassam bit-tama li d-diskors dwar il-Miri għal Żvilupp Sostenibbli jmur oltre dak li ġie diskuss matul ix-xhur li għaddew, u hawnhekk illum.

Il-frott ta' dawn id-diskussjonijiet jeħtieġ li jitmexxa 'l quddiem u jingħata għarfien, iżda wkoll jgħin bħala gwida fl-iżvilupp ta' politika komunitarja u nazzjonali, imħaddna minn kulħadd, u lil hinn mill-politika tal-partiti, iżda politika li tkun fl-aqwa interess tal-poplu tagħna kollu, u tal-umanità.

Biex dan iseħħ, jinħtieġ li aħna lkoll nagħmluhom tagħna, bħala pjan urġenti u ambizzjuż li jista' jaħdem biss jekk ikun pjan <u>għal</u> kulħadd u <u>bis-sehem</u> ta' kulħadd.

Illum tlabniekom tiġu għal din id-diskussjoni biex ixxandru dawn il-miri ma' kullimkien, biex tħeġġu lil kulħadd ħalli flimkien, bħala komunitajiet, u bħala poplu, naħdmu għat-twettiq tagħhom.

Dan huwa d-dmir ta' kull wieħed u waħda minna, tal-politiċi tagħna, tal-istituzzjonijiet u tas-soċjetà ċivili, lejn il-Maltin u l-Għawdxin u l-umanità li aħna lkoll nagħmlu parti minnha.
Dan huwa dmir li ma nistgħux ma niħdux bis-serjetà.

Filwaqt li kull waħda minn dawn il-miri hija tal-akbar importanza, id-diskussjoni tal-lum saħqet fuq il-Miri numri wieħed u tnejn, hekk kif qed inħejju biex infakkru l-Jum Dinji tal-Ikel u l-Jum Internazzjonali Kontra l-Faqar, li t-tnejn li huma jiġu osservati fi ftit jiem oħra.

Dawn iż-żewġ Miri għandhom l-għan li jindirizzaw uħud mill-agħar manifestazzjonijiet ta' inugwaljanzi soċjali li jeżistu u li huma wkoll l-aktar persistenti.

Bla dubju ta' xejn, ma nistgħux inħallu l-inugwaljanzi soċjali li jezistu kullimkien fid-dinja, għaddejjin qisu mhu qed jiġri xejn.

Kull jum li jgħaddi, bnedmin qed ikunu mċaħħda mid-drittijiet fundamentali tagħhom minħabba l-faqar u n-nuqqas ta' ċertezza ta' sorsi ta' ikel, li t-tnejn flimkien iqegħduhom f'sitwazzjoni ta' tbatija u inġustizzja, bla ebda tama ta' xejn għal ħajja bażika diċenti.

Dawn l-inugwaljanzi soċjali joħolqu bejta perikoluża fejn l-esklużjoni soċjali tinħoloq u titrawwem.
Dawn l-inugwaljanzi soċjali joħolqu esklużjoni soċjali li tnawwar il-fibra soċjali u morali tagħna u tal-umanità kollha.
Dawn l-inugwaljanzi soċjali joħolqu theddida mill-aktar serja għall-ġustizzja soċjali u d-dinjità umana.

Jinħtieġ li naħdmu b'saħħitna kollha favur l-inklussività, li hija l-qofol tal-Miri għal Żvilupp Sostenibbli.

Jinħtieġ li ninpenjaw ruħna, kollha kemm ahna, biex inkunu s-sostenituri tal-paċi u l-ġid ta' kulħadd, f'ħidma konsistenti favur id-dinjità umana, l-integrità u l-ħelsien.

Il-Miri Globali llum huma magħrufa u approvati b'mod wiesa'.

Issa jmiss li aħna wkoll nissieħbu f'din il-bidla globali, u niffukaw l-enerġija tagħna fuq azzjoni effettiva, biex niksbu r-riżultati.

Għalhekk, inħeġġiġkom u nappellalkom, biex tkunu parti minn din il-bidla globali, billi kull wieħed u waħda minna, nagħmlu dawn il-Miri Globali, il-miri personali tagħna wkoll.